MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 29/2003/1

Rikors Nru: 29/2003

Kummissarju ta’ l-Art

vs

Emma Busuttil, Lilian Wismayer u Paul England

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta’ l-Artipprezentat tat-23 ta’ Mejju, 2003 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b’Avviz ghall-Ftehim datat 14 ta’ Jannar 2003 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fil-Kalkara tal-kejl ta’ madwar 4978 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana mill-Grigal u mill-Majjistral ma’ proprjeta’ Ersilia England u ohrajn u mil-Lbic ma’ proprjeta’ ta’ Dr John Pullicino LL.D.  u ohrajn

jew irjieh verjuri hija ta' sitt elef u seba' mitt lira Maltija (Lm6,700) kif jidher mir-rapport tal-Perit Frederick H Valentino A&CE tat-8 ta' Novembru, 2001, li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-14 ta' Frar 2003 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' ghaxart elef disgha mija u hmistax-il Lira Maltija u sittin centezmu (Lm10,915.60).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun qed jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).
Ra r-risposta ta' l-intimati pprezentata fl-4 ta' Frar 2003 fejn esponew:

Illi Emma Busuttil ta' Flat 4, Regent Park Towers, George Borg Olivier Street, St Julians, Lilian Wismayer ta' 7, Casa Wismayer, Rudolphe Street, Sliema u Paul England ta' Flat 1, Bryene Flats, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida filwaqt li jaghmlu referenza ghall-avviz ta' ftehim taghkom datata 14 ta' Jannar, 2003 kif ukoll ghall-ittra ufficjali taghna tat-23 ta' Jannar 2003 relattivament ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art fil-Kalkara, tal-kejl ta' madwar 4978 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Ersilia England u ohrajn u mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Dr John Pullicino LL.D. u ohrajn jew irjieh verjuri jinfurmakom illi ghal fini u effetti kollha tal-ligi huma ma jaqblux mal-figura proposta minnek ta' sitt elef u seba' mitt lira (Lm6,700) bhala kumpens xieraq.

Illi fl-ittra ufficjali taghhom l-esponenti jiddikjaraw illi l-prezz gust u ekwu ta' l-istess porzjon art fuq imsemmi huwa ta' ghaxart elf, disgha mija u hmistax-il lira Maltija u sittin centezmu (Lm10,915.60) u dana a bazi ta' valutazzjoni komputata mahduma fuq kalkolu li normalment jintuza mill-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet u jikkonsidraw dan l-istess ammont bhala ekwu ghal art agrikola ta' certu pregju pero' dina l-valutazzjoni kienet illimitata biss ghall-art imsemmija u fid-dimenzjonijiet imsemmija fl-avviz ta' ftehim;

Ghal kull buon fini l-art effettivament espropprijata hija dik kif murija skond pjanta hawn annessa bhala Dok A li turi l-kejl effettiv huwa ta' 10,175 metru kwadru u mhux kif indikat fl-avviz ta' ftehim u ghalhekk il-kumpens xieraq huwa ta' tnejn u ghoxrin elf, tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm22,350);

Illi huwa mifhum illi l-valutazzjoni tal-esponenti qed tigi moghtija fuq il-premessa illi jithallsu l-imghax ta' hamsa fil-mija mid-data tal-okkupazzjoni tal-art in kwistjoni u li jsir il-hlas fi zmien tlett xhur mill-lum;

Qieghed jigi ddikjarat minghajr ebda pregudizzju illi l-esponenti huwa lesti illi jiddiskutu mad-Dipartiment sabiex jintlahaq ftehim bonarju

Tant biex taghraf tidderigi ruhhek.

Ra li l-partijiet gew notifikati bl-atti kollha.

Ra r-rikors numru 7/1998.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.
Ra d-digriet tieghu li bih gew mahtura l-periti teknici l-AIC Renato La Ferla u l-AIC Godfrey Vella.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Ra li l-partijiet jaqblu li l-art hija wahda agrikola a tenur tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li dawn il-proceduri huma dwar art ta' madwar 4978 li tmiss mit-Tramuntana mill-Grigal u mill-Majjistral ma' proprjeta' Ersilia England u ohrajn u mil-Lbic ma' proprjeta' ta' Dr John Pullicino LL.D. u ohrajn jew irjieh verjuri li ghaliha r-rikorrenti qed joffri Lm6700 skond pjanta Dok A u l-intimati qed jitolbu kumpens ta' Lm10,915.60c u li ghalhekk il-periti mahtura ma kellhomx htiega jaghmlu stima ta' l-art biswit.

Ghalhekk il-Bord jaghmel tieghu r-relazzjoni tal-periti sa fejn biss din tolqot l-art in kwistjoni u l-kumpens skond l-istess periti ghandu jkun ta' Lm7853.

Jordna lill-intimati jghaddu b'titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka tal-bicca art fuq imsemmija bil-kumpens ta' Lm7853;

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku bhala n-nutar tar-rikorrent biex jippubblika l-att mehtieg fl-ufficju tar-rikorrent, nhar l-Erbgha 7 ta' Marzu, 2007 fid-09:00a.m. u jahtar lill-avukat Stephen Muscat biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci;

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------